TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 169/13-F

Mario Mamo
vs
Reno Sultana

Illum 21 ta' Jannar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u mitt ewro (€1,100), rappreżentanti danni li ssubixxa l-istess rikorrenti wara li ħa l-vettura tiegħu għat-tiswija għand il-mekkanik u minkejja r-riparazzjoni, iktar kien hemm ħsarat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-vettura tiegħu għat-tiswija minħabba li kellha problema bil-pompa tal-ilma u wara li sewwa l-pompa tal-ilma, bidel ukoll it-*timing belt* għax ħass li kellha bżonn tinbidel. Għal dan ħallas tliet mija, disgħa u sittin ewro (€369). Wara li ħa lura l-vettura, dan mill-ewwel beda jaħdem ħażin u fil-fatt reġa' ħallas disa' mija u ħamsin ewro (€950) rigward problemi oħrajn, tant illi kien hemm żewġ valvi mgħawġin u kkawżaw ħsara fuq is-*cylinder head* u li ma kinux hemm qabel l-ewwel tiswija.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jikkonsidra illi dawn il-valvi ma jistgħux jitgħawġu waħedhom u jidher illi qabel l-ewwel tiswija ma kinux mgħawġin, kif ukoll meta r-rikorrenti ħa lura l-vettura wara l-ewwel tiswija, beda jdaħħan duħħan abjad.

Għalhekk, it-Tribunal jikkonkludi illi għalkemm l-intimat għamel it-tiswija jidher illi kien hemm ħsarat ulterjuri li ġew ikkawżati b'riżultat ta' l-ewwel tiswija, li allura t-Tribunal qed jinnota li l-intimat għandu t-tort.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**